**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 13/2024/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Jonathan Felice**

Illum it-tlieta (3) ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużat **Jonathan Felice**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 389288(M), li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

**L-Ewwel (1) Kap**

**Serq Ikkwalifikat Bil-Vjolenza, Bil-Valur, Bil-Mezz U Bil-Lok**

Il-fatti:

Illi fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), il-Pulizija ġiet nfurmata li Joseph Borg u li huwa persuna anzjana 'il fuq minn sittin (60) sena, filwaqt li kien qed jistrieħ f'daru għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (06:45hrs), daħlu żewġ persuni fir-residenza tiegħu u ta' martu, u ċioè, ġewwa 2, Triq tal-Balal, San Ġwann, mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu jew ta' martu Giovanna Borg u dan bl-iskop li jisirqu minn din l-imsemmija proprjeta'. Meta l-Pulizija kellmet lil Joseph Borg, huwa spjega li ż-żewġ individwi li daħlu ġod-dar tiegħu u ta' martu kellhom wiċċhom mgħammda bi balaklava sewda.

Illi mill-investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li waqt li Joseph Borg kien qiegħed jistrieħ fuq is-sodda tal-kamra tiegħu, liema kamra tinsab hekk kif tidħol mil-bieb ta' barra tar-residenza tiegħu u ta' martu, sema' ħoss ġej minn faċċata ta' din il-kamra. Faċċata ta' din il-kamra kien hemm il-kamra tas-salott. Il-ħoss li sema' dehrlu li kien ta' persuna qiegħda taqbeż għal ġewwa r-residenza minn ġo tieqa. Meta sema' dan il-ħoss, huwa mar jara x'kien hemm. Illi jingħad li l-anzjan Joseph Borg, li dak il-ħin kien jinsab waħdu peress li martu Giovanna Borg u ibnu Grezzju Borg kienu għadhom kemm ħarġu, kien għadu kif għamel operazzjoni b'dana li kien qed permezz ta' *walking aid*. Dak il-ħin ra persuna diġà ġewwa r-residenza tiegħu u ta' martu mgħammda bi balaklava u persuna oħra li wkoll kienet mgħammda bi balaklava qiegħda tidħol f'din ir-residenza. Illi huwa ddiskrivihom bħala wieħed kemm xejn oħxon u l-ieħor kellu l-istatura tixbaħ lil dik tal-imputat. Huwa prova jirreżiztihom, iżda wieħed mill-aggressuri tah daqqa fuq ix-xellug ta' moħħu, li skont il-vittma kien bit-tarf ta' turnavit. B'din id-daqqa li huwa qala' ġo rasu, l-aggressuri kkaġunawlu laċerazzjoni fuq in-naħa tax-

xellug tal-moħħ, liema leżjoni hija kkunsidrata gravi u li tista' tibqa' bħala marka permanenti fil-wiċċ.

L-aggressur li kien għadu kif tah din id-daqqa beda jqalleb fil-kamra tas-sodda ta' Joseph Borg u fl-*ispare bedroom* u dan mingħajr l-ebda jedd u kontra r-rieda tal-imsemmi Joseph Borg. Waqt li dan l-aggressur kien qed iqalleb f'dawn iż-żewgt' ikmamar, l-aggressur l-ieħor tefa' lil Joseph Borg mal-art u beda jgħattillu ħalqu sabiex dan ma jagħmilx ħoss. Dan l-aggressur kellu l-kontroll ta' Joseph Borg tul il-kors tal-aggressjoni u fil-fatt inżamm sekwestrat kontra r-rieda tiegħu u kontra l-liġi waqt il-kummissjoni tas-serqa.

Illi Joseph Borg spjega li waqt li kien qiegħed jinżamm mal-art, hu seta' jinnota li l-aggressur, li fil-fatt kien qed iżommu mal-art, għalkemm kien liebes balaklava, kellu marki taħt għajnejh, qisu ta' tpinġija, simili għal dawk li għandu l-akkużat Jonathan Felice, minn issa 'l quddiem jissejjaħ ukoll bħala l-akkużat. Huwa spjega li kawża ta' din is-serqa, insterqulu madwar elf u seba' mija ta' dik li kienet il-lira Maltija (Lm1,700) fi flus kontanti u madwar elf u ħames mija ta' dik li kienet lira Maltija (Lm1,500) f'ġojjellerija, b'dana li l-valur tal-ħaġa misruqa huwa iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

Illi in segwitu tal-akkadut, infetħet Inkjesta Maġisterjali u l-Maġistrat Inkwirenti ħatret diversi esperti sabiex jassistu lill-Pulizija fl-investigazzjoni tagħhom bil-għan illi tiġi ppriżervata x-xena tad-delitt kif ukoll sabiex tinġabar kull tip ta' evidenza li seta' kien hemm fuq l-istess xena tad-delitt.

Illi dak in-nhar tal-akkadut, l-iSpettur inkarigat mill-investigazzjoni Anthony Portelli, ġie kkuntatjat mill-illum il-ġurnata eks-Spettur Daniel Zammit, b'dan tal-aħħar jinfoma lill-Ispettur Anthony Portelli li kien ra lill-

akkużat Jonathan Felice jdur b'Mercedes bajda bil-ħġieġ *tinted* bin-numru ta' reġistrazzjoni ABJ 378 dak in-nhar stess tas-serqa fl-inħawi tal-Imsida għall-ħabta tas-sitta ta' wara nofsinnhar (18.00).

Illi minn aktar stħarriġ fejn fost l-oħrajn ġew mitkellma diversi persuni, ċertu Grezzju Borg, li jiġi t-tifel tal-vittma, żvela mal-iSpettur Anthony Portelli li xi tlett ijiem qabel l-akkadut huwa kien ra vettura bajda tat-tip Mercedes, bil-ħġieġ *tinted* fl-akwati fejn kienu jirrisjedu huwa flimkien mal-ġenituri tiegħu kif ukoll ra darba oħra fl-akwati fejn jaħdem. Illi ċertu Michael Agius, li huwa miżżewweġ lit-tifla tal-vittmi, ikkonferma wkoll mal-pulizija li nhar il-15 ta' Settembru 2009, u ċioè nhar is-serqa, fi triqtu lejn ix-xogħol, għall-ħabta tas-sitta neqsin għaxra ta' filgħodu (05:50hrs), kien ra vettura, bil-ħġieġ suwed faċċata tar-residenza tal-vittmi. Abbażi ta' din l-informazzjoni, skattat investigazzjoni ulterjuri fuq l-imsemmija Mercedes bl-istruzzjoni li malli l-akkużat Jonathan Felice jiġi ntraċċat, jiġi arrestat immedjatament.

Illi wara li nkiseb mandat ta' arrest għall-akkużat Jonathan Felice u mandat ta' tfittxija fir-residenza ta' fejn l-imsemmi Jonathan Felice kien qiegħed jirresjedi fiż-żmien meta seħħ l-akkadut, il-Pulizija marru fuq il-post iżda ma sabuhx hemm. Il-Pulizija stennew sakemm l-akkużat Jonathan Felice tfaċċa, fejn eżekwew il-mandat u saret tfittxija kemm fuq il-persuna tiegħu kif ukoll fir-residenza. Illi minn ġewwa r-residenza, ġie elevat par żarbun *running shoes* tal-marka Nike ta' qies EU 43, liema żarbun ġie stabbilit mill-Pulizija li kien jappartjeni lill-akkużat Jonathan Felice kif ukoll telefown ċellulari tal-marka Nokia.

Illi sussegwentament, minn eżamijiet tad-DNA li saru fuq kampjuni li ġew elevati minn fuq ir-*running shoes* li ġie elevat mir-residenza tal-akkużat, ħarġu l-profil

ġenetiċi li qablu ma' dak mal-profil ġenetiku tal-akkużat u tal-vittma Joseph Borg rispettivament.

Illi fid-dawl ta' dan l-iżvilupp, nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), l-akkużat Jonathan Felice ġie mressaq il-Qorti akkużat, fost oħrajn, bis-serq mir-residenza ta' Joseph Borg, liema reat huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur li jeċċedi s-somma ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-lok.

**<u>Il-konsegwenzi</u>:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Jonathan Felice sar ħati, bħala awtur jew ko-awtur, talli ġewwa San Ġwann nhar il-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (06:45hrs), flimkien ma' persuna jew persuni oħra, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oġġetti tad-deheb minn ġewwa residenza bin-numru tnejn (2), Triq tal-Balal, San Ġwann, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, sgass ta' tieqa u użu ta' balaklavi, bil-lok, minn ġewwa dar ta' abitazzjoni u bil-vjolenza, offiża gravi fuq il-persuna anzjana, ċioè offiża li tista' tikkaġuna sfreġju fil-wiċċ tal-offiż b'mod permanenti, meta din il-vjolenza hekk imsemmija hija diretta kontra l-persuna ta' Joseph Borg, persuna 'il fuq minn sittin sena, kif ukoll bis-sekwestru tal-imsemmija persuna.

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lil Jonathan Felice, ħati bħala awtur jew ko-awtur, talli fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), ġewwa r-residenza bin-numru 2, Triq tal-Balal, San Ġwann, għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart

(06:45hrs), ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu, bil-lok, u bil-vjolenza u akkumpanjata b'offiża gravi, ċioè offiża li ġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ tal-offiż, liema sfreġju jista' jkun wieħed permanenti, meta din il-vjolenza hekk imsemmija hija diretta kontra persuna li għalqet sittin sena (60) u ċioè l-persuna ta' Joseph Borg, li fiż-żmien li seħħ ir-reat in kwistjoni kellu sitta u sittin (66) sena, kif ukoll bis-sekwestru tal-persuna.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Jonathan Felice, reċidiv f'delitt, u li jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal żmien bejn ħames (5) snin sa tletin (30) sena bir-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perjodu, u dan skont dak li hemm fl-Artikoli 261 (a) (b) (ċ) (e), 262 (1) (a) (b) (2), 263 (a) (b), 264, 265, 266, 267, 269(g), 274 (a)(b), 275, 276A, 277(b), 280 (2) (3), 17, 31[1], 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Illi peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Felice** tas-26 ta' Ottubru 2006, l-akkużat Jonathan Felice nstab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

[1] "Tlugħ fil-piena qabel l-emendi tal-Att XXIV tal-2014."

## It-Tieni (2) Kap

## Offiża Gravi Fuq Il-Persuna Ta' Joseph Borg

**Il-fatti:**

Illi fl-istess ċirkostanzi, lok, data u ħin hekk kif jirriżultaw fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża u ċioè fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (06:45hrs), ġewwa r-residenza numru tnejn (2), Triq tal-Balal, San Ġwann, żewġ aggressuri, lebsin balaklava, daħlu fl-imsemmi residenza mingħajr awtorizzazzjoni ta' Joseph Borg u ta' martu Giovanna Borg u aggredew u użaw vjolenza fuq il-persuna ta' Joseph Borg, u dan wara li tajrulu l-*walking aid* minn idejh u żammewh mal-art taħt għajnejhom. Dan kollu sar sabiex l-aggressuri jippruvaw jisirqulu flusu u oġġetti oħrajn mir-residenza tiegħu.

Joseph Borg osserva li waqt li kien qiegħed jinżamm mal-art, hu seta' jinnota li l-aggressur li fil-fatt kien qed iżommu mal-art, għalkemm kien liebes balaklava, huwa seta' jinnotta li taħt għajnejh kellu marki, qisu ta' tpinġija, simili għal dawk li kellu l-akkużat Jonathan Felice. Barra minn hekk, Joseph Borg osserva li l-istatura ta' dan l-aggressur kien simili għal dak ta' Jonathan Felice.

Illi b'riżultat ta' din il-vjolenza, Joseph Borg sofra offiża ta' natura gravi u ċioè laċerazzjoni fuq in-naħa tax-xellug tal-moħħ, liema leżjoni tista' tibqa' bħala marka permanenti fil-wiċċ. Din il-ġerħa ġiet ikkaġunata waqt l-aggressjoni fil-konfront tal-vittma sabiex jimpeduh milli jirreżistihom.

**Il-konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu l-imsemmi akkużat Jonathan Felice sar ħati talli fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), bħala awtur jew ko-awtur, ġewwa r-residenza bin-numru 2, Triq tal-Balal, San Ġwann, għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (06:45hrs), mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq persuna, billi kkaġuna mankament jew sfreġju fil-wiċċ ta' Joseph Borg.

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Jonathan Felice, bħala awtur jew ko-awtur, ħati talli fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), ġewwa r-residenza bin-numru 2, Triq tal-Balal, San Ġwann, għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (06:45hrs), **mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża gravi u ċioè mankament jew sfreġju fil-wiċċ ta' Joseph Borg**.

**<u>Il-piena mitluba</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Jonathan Felice, reċidiv f'delitt u illi hu jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn disa' (9) xhur sa tnax-il (12) sena u dan skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 27, 31, 49, 50, 214, 215, 216(1)(b), 218(1)(b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Illi peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-**

**Pulizija vs. Jonathan Felice** tas-26 ta' Ottubru 2006, l-akkużat Jonathan Felice nstab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

## It-Tielet (3) Kap

## Arrest, Detenzjoni Jew Sekwestru Kontra L-Liġi

**Il-fatti:**

Illi waqt iċ-ċirkostanzi li rriżultaw fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża u ċioè fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (06:45hrs), ġewwa r-residenza numru tnejn (2), Triq tal-Balal, San Ġwann, żewġ aggressuri, lebsin balaklava, irnexxilhom jidħlu fl-imsemmija residenza mingħajr awtorizzazzjoni ta' Joseph Borg u ta' martu Giovanna Borg, tajjru l-*walking aid* minn idejn Joseph Borg, u wara li aggredew u użaw vjolenza fuq il-persuna ta' Joseph Borg, wieħed mill-aggressuri żamm, arresta jew ssekwestra lil Joseph Borg kontra r-rieda u l-volontà tiegħu. In fatti f'dan il-punt, dan l-imsemmi aggressur ħataf lil Joseph Borg u poġġielu idu ma' ħalqu u baqa' għassa miegħu għal madwar kwarta u dan sabiex jimpedih milli jaħrab jew ixekkel il-pjan tal-aggressuri.

Illi wara s-serqa li ġiet kommessa u wara l-aggressjoni li saret fil-konfront ta' Joseph Borg, dan tal-aħħar seta' jinnota li dak l-aggressur li effettivament kien qed iżommu mal-art kontra r-rieda u l-volontà tiegħu, kellu żewġ marki taħt għajnejh, qisu ta' tpinġija. Dawn il-marki kienu simili għal dawk li kellu l-akkużat Jonathan Felice fiż-żmien l-akkadut. Barra minn hekk, Joseph Borg osserva li l-istatura ta' dan l-aggressur li żammu mal-art kontra r-rieda u l-volontà tiegħu kienet simili għal dak ta' Jonathan Felice.

Illi l-akkużat Jonathan Felice ma kellu ebda ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti u lanqas ma kellu s-setgħa bil-liġi bħala ċittadin privat li jarresta, jżomm, jew jissekwestra lil Joseph Borg kontra l-volontà tiegħu.

**Il-konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu l-imsemmi akkużat Jonathan Felice sar ħati, bħala awtur jew ko-awtur, talli fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), ġewwa r-residenza bin-numru 2, Triq tal-Balal, San Ġwann, għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart (06:45hrs), bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew sekwestra persuna (Joseph Borg) kontra l-volontà tagħha.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Jonathan Felice, ħati, bħala awtur jew ko-awtur, talli fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), ġewwa r-residenza bin-numru 2, Triq tal-Balal, San Ġwann, għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart (06:45hrs), **bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew sekwestra persuna (Joseph Borg) kontra l-volontà tagħha, liema persuna ġiet offiża fuq il-persuna tagħha**.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Jonathan Felice u illi hu

jiġi kkundannat, bħala reċidiv, għall-piena ta' priġunerija minn erba' (4) snin sa disa' (9) snin, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(ċ), 88, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Illi peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Felice** tas-26 ta' Ottubru 2006, l-akkużat Jonathan Felice nstab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

**Ir-Raba' (4) Kap**

**Ksur Ta' Digriet Tal-Qorti Li Permezz Tiegħu Akkordat Il-Ħelsien Mill-Arrest**

**<u>Il-fatti:</u>**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża u ċioè fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (06:45hrs), ġewwa r-residenza numru tnejn (2), Triq tal-Balal, San Ġwann, l-akkużat Jonathan Felice flimkien ma' aggressur ieħor, ikkommetta serq aggravat u offiża gravi għad-dannu ta' Joseph Borg waqt li dan kien qed jiġi miżmum kontra r-rieda u l-volontà tiegħu.

Illi jirriżulta li nhar il-ħmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) l-akkużat Jonathan Felice ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs. Jonathan Felice** (per dak iż-żmien Maġistrat Dott. Consuelo Scerri Herrera). Fost l-obbligi marbuta mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest kien hemm l-obbligu li l-imputat ma jikkommettix reat ieħor.

Għaldaqstant, bil-kommissjoni tar-reati speċifikati fit-tlett kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat Jonathan Felice fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), naqas milli josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tat il-ħelsien mill-arrest, b'dana illi meta kien hekk meħlus mill-arrest, ikkommetta delitti (serq aggravat, ġrieħi gravi u sekwestru tal-persuna) li ma kinux ta' natura involontarja.

**Il-konsegwenza:**

Illi għalhekk b'għemilu l-akkużat Jonathan Felice sar ħati ta' ksur ta' digriet tal-ħelsien mill-arrest u ċioè talli fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs. Jonathan Felice** (per dak iż-żmien Maġistrat Dott. Consuelo Scerri Herrera), fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar il-ħmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008).

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem Ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar 'l fuq msemmija f'dan l-Att tal-Akkuża, jakkuża quddiem din l-Onorabbli Qorti Kriminali lil Jonathan Felice ħati talli fil-ħmistax (15) ta' Settembru 2009 naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti (fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs. Jonathan Felice** (per dak iż-żmien Maġistrat Dott. Consuelo Scerri Herrera)), fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar il-ħmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008).

**Il-piena:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Jonathan Felice u illi hu jiġi kkundannat, bħala reċidiv, għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn disa' (9) xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien, u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 579 (2), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Felice** tas-26 ta' Ottubru 2006, l-akkużat Jonathan Felice nstab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

**Il-Ħames (5) Kap**

**Ksur Ta' Digriet Tal-Qorti Li Permezz Tiegħu Akkordat Il-Ħelsien Mill-Arrest**

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża u ċioè fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (06:45hrs), ġewwa r-residenza numru tnejn (2), Triq tal-Balal, San Ġwann, l-akkużat Jonathan Felice flimkien ma' aggressur ieħor, ikkommetta serq aggravat u offiża gravi a dannu ta' Joseph Borg waqt li dan kien qed jiġi miżmum kontra r-rieda u l-volontà tiegħu.

Illi jirriżulta li nhar it-tlieta (03) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009) l-akkużat Jonathan Felice ngħata l-

benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Joseph Mercieca) vs. Jonathan Felice** (per Maġistrat Dott. Audrey Demicoli). Fost l-obbligi marbuta mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest kien hemm l-obbligu li l-imputat ma jikkommettix reat ieħor.

Għaldaqstant, bil-kommissjoni tar-reati speċifikati fit-tliet kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat Jonathan Felice naqas milli josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tat il-ħelsien mill-arrest, b'dana illi meta kien hekk meħlus mill-arrest, ikkommetta delitti (serq aggravat, ġrieħi gravi u sekwestru tal-persuna) li ma kinux ta' natura involontarja.

**<u>Il-konsegwenza</u>:**

Illi għalhekk b'għemilu l-akkużat Jonathan Felice, sar ħati ta' ksur ta' digriet tal-ħelsien mill-arrest u ċioè talli fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Joseph Mercieca) vs. Jonathan Felice** (Maġistrat Dott. Audrey Demicoli), fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar it-tlieta (03) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009).

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem Ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar 'l fuq msemmija f'dan l-Att tal-Akkuża, jakkuża quddiem din l-Onorabbli Qorti Kriminali lil Jonathan Felice ħati talli fil-ħmistax (15) ta' Settembru 2009, naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti (fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Joseph Mercieca) vs. Jonathan Felice** (per Maġistrat

Dott. Audrey Demicoli), fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar it-tlieta (03) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009).

**<u>Il-piena</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Jonathan Felice u illi hu jiġi kkundannat, bħala reċidiv, għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn disa' (9) xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien, u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 579 (2), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Felice** tas-26 ta' Ottubru 2006, l-akkużat Jonathan Felice nstab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

## Il-Sitt (6) Kap

## Ksur Ta' Digriet Tal-Qorti Li Permezz Tiegħu Akkordat Il-Ħelsien Mill-Arrest

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża u ċioè fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu (06:45hrs), ġewwa r-residenza numru tnejn (2), Triq tal-Balal, San Ġwann, l-akkużat Jonathan Felice

flimkien ma' aggressur ieħor, ikkommetta serq aggravat u offiża gravi a dannu ta' Joseph Borg waqt li dan kien qed jiġi miżmum kontra r-rieda u l-volontà tiegħu.

Illi jirriżulta li nhar il-ħmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009) l-akkużat Jonathan Felice ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin u Spettur Joseph Mercieca) vs. Jonathan Felice** (per dak iż-żmien Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trignona), liema digriet ġie varjat parzjalment permezz ta' digriet sussegwenti tad-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009). Fost l-obbligi marbuta mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest kien hemm l-obbligu li l-imputat ma jikkommettix reat ieħor.

Għaldaqstant, bil-kommissjoni tar-reati speċifikati fit-tlett kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat Jonathan Felice naqas milli josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tat il-ħelsien mill-arrest, b'dana illi meta kien hekk meħlus mill-arrest, ikkommetta delitti (serq aggravat, ġrieħi gravi u sekwestru tal-persuna) li ma kinux ta' natura involontarja.

<u>**Il-konsegwenza**</u>:

Illi għalhekk b'għemilu l-akkużat Jonathan Felice sar ħati ta' ksur ta' digriet tal-ħelsien mill-arrest u ċioè talli fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin u Spettur Joseph Mercieca) vs. Jonathan Felice** (per dak iż-żmien Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trigona), fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar il-ħmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009), liema digriet ġie varjat parzjalment permezz ta' digriet sussegwenti tad-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009).

**<u>L-akkuża</u>:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem Ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar 'l fuq msemmija f'dan l-Att tal-Akkuża, jakkuża quddiem din l-Onorabbli Qorti Kriminali lil Jonathan Felice ħati talli fil-ħmistax (15) ta' Settembru 2009 naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin u Joseph Mercieca) vs. Jonathan Felice** (per dak iż-żmien Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trigona), fid-digriet tiegħu li bih tah l-ħelsien mill-arrest nhar il-ħmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009), liema digriet ġie varjat parzjalment permezz ta' digriet sussegwenti tad-dsatax (19) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009).

**<u>Il-piena</u>:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jsir skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Jonathan Felice u illi hu jiġi kkundannat għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn disa' (9) xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien, u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 579 (2), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Felice** tas-26 ta' Ottubru 2006, l-akkużat Jonathan Felice nstab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Jonathan Felice, flimkien mal-Lista tax-Xhieda ppreżentati fil-25 ta' Marzu 2024.[2]

3. Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fl-14 ta' Mejju 2024[3] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat Jonathan Felice.

4. Rat l-atti kollha proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

5. Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel Eċċezzjoni**

6. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-akkużat jilmenta li l-Att tal-Akkuża maħruġ fil-konfront tiegħu huwa null u monk minħabba dak li seħħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja qabel ma nħarġet l-Att tal-Akkuża in kwistjoni. Jgħid li wara snin ta' dilungar, il-Prosekuzzjoni ddikjarat quddiem il-Qorti Istruttorja li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u li sussegwentement l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Artikoli tal-liġi li skont hu setgħet tinstab ħtija fih. Jgħid li f'dan il-waqt il-Qorti tal-Maġistrati rrikjamat il-kawża u nfurmat lid-difiża li kienet ser terġa' tibgħat l-atti lil Avukat Ġenerali minħabba li skont hi ma kellhiex kompetenza. Jargumenta li dan l-aġir kien żbaljat u jispjega li l-liġi imkien ma tgħid li l-Qorti għandha l-poter ma taqrax in-Nota tal-Artikoli. Jisħaq li l-liġi titkellem dwar Nota tal-Artikoli u li din tintbagħat lil Avukat Ġenerali fl-atti proċesswali. Ikompli li l-aktar punt importanti huwa li la darba jinħarġu l-Artikoli, il-Qorti tal-Maġistrati ma tibqax Qorti Istruttorja iżda issir Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Jgħid li meta l-Qorti tal-Maġistrati bagħtet lura l-atti lil Avukat Ġenerali hija żbaljat minħabba li dan tal-aħħar kien żvesta ruħu mill-poteri tiegħu u li

[2] *A fol.* 21 *et seq.*.
[3] *A fol.* 29 *et seq.*.

kellha tkun il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biss li fis-sentenza finali tagħha tqis il-materja ta' kompetenza.

7. Illi waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm u sabiex jissostanzja l-punt minnu mressaq fl-ewwel eċċezzjoni, l-akkużat irrefera għas-segwenti żewġ sentenzi:

- ir-riferenza kostituzzjonali deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-26 ta' April 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Silvio Zammit** (Numru 71/2016) liema sentenza ġiet appellata u deċiża definittivament mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju 2018;

- is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Frar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter sive Pierre Falzon** (Numru 439/2014).

8. Illi fir-Risposta tiegħu, l-Avukat Ġenerali jirreferi għal Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħaq li r-raġunijiet fejn Att ta' Akkuża jista' jiġi attakkat huma limitati għal dak li jipprefiġġi tali sub-Artikolu. Ikompli li l-imputazzjonijiet ġew moqrija fis-seduta miżmuma fit-23 ta' Ottubru 2009 u li fl-istess seduta sar l-eżami tal-akkużat allura imputat liema eżami jinsab fl-atti proċesswali (*a fol.* 6). Jisħaq li minbarra dan il-Qorti Istruttorja ddikjarat li fid-dawl tal-provi miġjuba quddiemha kien hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża b'dana illi għalhekk ġew sodisfatti r-rekwiżiti kollha stabbiliti taħt Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Illi din il-Qorti tibda billi tinnota li fis-26 ta' Diċembru 2023 l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju fejn huwa elenka l-Artikoli li skont hu setgħet tinstab ħtija fl-akkużat. Huwa bagħat dan il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex fin-nuqqas ta' oġġezzjoni minn naħa tal-imputat dan il-każ jiġi deċiż *ai termini* tal-Artikolu 370 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-verbal tas-seduta miżmuma

fis-6 ta' Frar 2024 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja jirriżulta s-segwenti:

> "Illi mill-proċess u mill-akkużi l-Qorti jidhrilha li l-piena tal-allegati reati jeżorbitaw il-kompetenza ta' din il-Qorti u għalhekk qed tibgħat l-atti lura lill-Avukat Ġenerali.
>
> Id-difiża tirrileva illi filwaqt li tikkondividi mal-preokkupazzjoni tal-Qorti, tiġbed l-attenzjoni tal-Prosekutur illi huwa ġia kkommetta l-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk f'dan l-istadju sta għalih li jislet minn fost l-akkużi dak li jista' jinstema quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Id-difiża finalment tfakkar lill-Avukat Ġenerali illi l-Kap. 9 ma jipprovdix għal ħruġ tal-Artikoli li ma jinqrawx."

10. Illi sussegwentement fis-7 ta' Frar 2024 l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Att tal-Akkuża odjern.

11. Illi kif diġà ngħad waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm, l-akkużat jagħmel riferenza għas-sentenza dwar riferenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Silvio Zammit** (Numru 71/2016). Għandu jingħad li din ir-riferenza kostituzzjonali kienet tirrigwarda d-dewmien li kien qed iseħħ fil-proċedura quddiem il-Qorti Istruttorja fejn xhud partikolari kien qed jirrifjuta li jixhed u jekk tali dewmien kienx jilledi d-dritt fundamentali tal-akkużat għal smigħ xieraq. Dan huwa wkoll rifless f'dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) meta fis-sentenza tagħha mogħtija fis-26 ta' April 2018 qalet hekk:

> "Stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, il-Qorti eżaminat il-verbali meħuda mill-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Silvio Zammit**. Il-Qorti sejra minn issa tiċċara li t-termini tar-referenza huma limitati għar-rigward tad-dewmien sabiex titressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja x-

xhud Inge Delfosse u mhux it-tul li qiegħda tieħu l-kumpilazzjoni tax-xhieda fl-intier tagħha."

Illi minn din is-sentenza ġie interpost appell li ġie deċiż permezz ta' sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju 2018 fejn dwar l-analiżi tar-riferenza, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "20. Għandu jingħad ukoll li għalkemm it-talba fir-referenza hija indirizzata limitatament lejn il-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent minħabba d-dewmien fil-produzzjoni tal-aħħar xhud tal-prosekuzzjoni b'riżultat li l-proċeduri ma jistgħux jintemmu, huwa inevitabbli li l-ksur lamentat, speċifiku kemm hu speċifiku, jista' jiġi mistħarreġ b'mod siewi għall-finijiet tat-tweġiba li trid tagħti l-qorti, biss jekk jiġi meqjus ukoll l-isfond tal-proċeduri kollha kompjuti s'issa jew tal-anqas sal-mument meta jitqanqal l-ilment relattiv. Wara kollox, "iż-żmien" għall-fini li jiġi stabbilit hemmx dewmien leżiv għad-dritt tas-smigħ xieraq, jibda jgħaddi f'kull każ minn meta l-persuna jiġi akkużat b'reat kriminali jew, fit-termini iktar wiesa' tal-Konvenzjoni, meta l-persuna tiġi arrestata jew investigata in konnessjoni ma' xi reat kriminali[4]."

12. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti jidher ċar li l-każ imsemmi hawn fuq mhux applikabbli għal każ odjern minħabba li jittratta l-element ta' dewmien fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u sa ċertu punt il-fatt li l-Qorti Istruttorja ma għandhiex il-jedd li tagħlaq il-provi tal-Prosekuzzjoni. Magħdud ma' dan jirriżulta li fil-każ odjern id-disputa hija jekk il-Qorti Istruttorja setgħetx minn jeddha tiddeċiedi li l-proċeduri quddiemha kienux jezorbitaw mill-ġurisdizzjoni tagħha. Skont l-akkużat la darba nħarġu l-Artikoli, il-Qorti Istruttorja nbidlet f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ma kellhiex il-jedd li minn jeddha tibgħat l-atti lura lil Avukat Ġenerali iżda kellha tipproċedi bil-proċess u kellha tara jekk l-

[4] "Q.E.D.B: ***Merit v. Ukraine***, Appl. 6656/01, 30 June 2004."

akkużat allura imputat riedx jiġi ġġudikat *ai termini* ta' Artikolu 370 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti strettament iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ lanqas japplikaw għall-fatti li seħħew fil-kawża l-oħra imsemmija mill-akkużat u ċioè is-sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter sive Pierre Falzon** (Numru 439/2014) u dana peress li fis-sentenza msemmija, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Illi, mill-atti proċesswali jirriżultaw, *inter alia,* is-segwenti fatti probatorji:
>
> i) Il-proċeduri odjerni kienu mnhedija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja nhar id-9 ta' Ġunju 2014.
>
> ii) Nhar it-23 ta' Ġunju 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja ddikjarat – **"Il-Qorti, wara li rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti matul din il-kumpilazzjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat tqis li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att t'akkuża u konsegwentement qed tibgħat l-atti lill-Avukat Ġenerali sabiex joqgħod għal dan l-att quddiem il-qorti kompetenti"**.
>
> iii) Nhar id-9 ta' Settembru 2014, l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, b'riserva illi qabel kellhom ikomplu jiġu kkumpilat aktar provi kif hemm indikati.
>
> iv) Kompla s-smigħ tal-provi tal-Prosekuzzjoni sakemm nhar id-9 ta' Ottubru 2017, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara definittivament li l-provi tal-Prosekuzzjoni kienu magħluqa.

v) Instemgħu l-provi *in difesa* kif ukoll saru t-trattazzjonijiet finali rispettivi tal-partijiet, sakemm nhar il-21 ta' Marzu 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaddiet għas-sentenza."

Illi b'differenza għal każ odjern, fil-każ hawn fuq ċitat jirriżulta li s-sentenza ngħatat mingħajr ma' l-imputat f'dak il-każ intalab jekk jaqbilx li jiġi ġġudikat bil-proċedura sommarja. Fil-każ odjern il-Qorti Istruttorja ma ġġudikatx il-mertu tal-każ.

14. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-14 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attila Majlat et** (Numru 511/2017), fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "49. L-Avukat Ġenerali ma setgħa qatt f'dan il-każ jirrikorri għall-proċedura stabbilita fl-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-Liġi ma tagħtihx dik is-setgħa. Interpretazzjoni differenti ta' dan l-iter proċesswali u r-regoli imsemmija iżjed il-fuq kienu jistgħu jwasslu għal sitwazzjoni fejn l-Avukat Ġenerali jkun jista' jarroga fuqu s-setgħa[5] li anke jagħżel quddiem liema forum jipprosekwixxi kawża anke f'dawk il-każijiet fejn il-Liġi stess ma tippermettix li ssir tali għażla: bħal fejn il-piena għar-reat fl-astratt tkun taqbeż il-limiti msemmija fl-artikolu 370(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali, u fejn allura l-proċedura kriminali tipprovdi biss għall-ġurisdizzjoni unika lill-Qorti Kriminali.[6]"

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat.

---

[5] "mhux biss li jagħżel il-forum f'dawk il-każijiet fejn huma applikabbli l-Artikolu 370(3)(4) tal-Kodiċi Kriminali (kif għandu kull dritt jagħmel dment li jiġu osservati r-regoli hemmhekk imsemmija)."

[6] "Agħar minn hekk jista' jkun hemm ir-riskju ta' *"forum shopping"* – b'mod partikolari fejn l-imputat ikun ukoll deżideruż u konsenzjenti li ma jaffrontax il-proċedura iżjed solenni quddiem il-Qorti Kriminali."

15. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-14 ta' Frar 2008 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Muscat et** (Numru 22/2007) (liema sentenza ġiet konfermata fl-appell b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Jannar 2009), fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> "Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex tilqa' t-talba għall-korrezzjoni w se mai kellha tinnota li l-akkużi taħt l-Art. 248A u 248E ċitati mill-Avukat Ġenerali setgħu kienu diga' jaqbżu l-kompetenza tagħha u konsegwentement kellha tirrinvija l-atti lill-Avukat Ġenerali għal din ir-raġuni u mhux għar-raġuni li skontha (u korrettement) emerġiet wara l-korrezzjoni fin-Nota tar-Rinviju għall-Ġudizzju minnha awtorizzata.
>
> Naturalment, l-Avukat Ġenerali, rinfaċċjat b'tali rinviju, kien liberu li jintavola att ta' akkuża quddiem din il-Qorti, imma ma setax jinkludi fih reati ġodda (u dal-każ aktar gravi) minn dawk li hu jkun elenka fin-Nota tar-Rinviju għall-Ġudizzju. Imma fil-fatt hekk ġie sar u dan għalhekk imur kontra l-prinċipju li hu deżunt mill-Artikolu 597(1) u skond il-ġurisprudenza fuq ċitata."

16. Illi din il-Qorti tinnota li meta l-Avukat Ġenerali bagħat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju fejn huwa elenka l-Artikoli li skont huwa setgħet tinstab ħtija fihom fl-imputat, huwa indirizza tali Nota lill-"Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istuttorja".

17. Illi b'hekk, meħud in konsiderazzjoni ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li l-Qorti Istruttorja mxiet eżattament kif kellha timxi meta ħadet konjizzjoni tan-Nota tar-Rinviju għall-Ġudizzju b'dan illi l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>**

18. Illi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-akkużat jitlob li l-istqarrija tiegħu tiġi sfilzata minħabba li mhux meħuda skont il-liġi u minħabba li skont hu tikkawżalu leżjoni ta' dritt.

19. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-akkużat Jonathan Felice rrilaxxa żewġ stqarrijiet: waħda ġiet rilaxxata fis-17 ta' Settembru 2009 (Dok. "AP 4" – *a fol.* 38 *et seq.*) u oħra ġiet rilaxxata fit-22 ta' Ottubru 2009 (Dok. "AP 5" – *a fol.* 41 *et seq.*). Għandu jingħad li l-akkużat ma ngħata l-ebda assistenza legali la qabel jew waqt l-ewwel stqarrija u lanqas qabel jew waqt it-tieni stqarrija.

20. Illi dwar l-istqarrija mingħajr l-assistenza tal-avukat, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. L-Avukat tal-Istat** (Numru 176/2019) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet is-segwenti:

> "26. Kif diġa' issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u aktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.
>
> 27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti <u>Mehmet Zeki Celebi v. Turkey</u> (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-*'overall fairness'* tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju r-**Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u r-**Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u

ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija."

21. Illi jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal sentenza mogħtija aktar riċenti. In fatti fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Omar Bah**[7] (Numru 10/2008) ingħad is-segwenti:

*"The Court thus concludes that each and every case has to be examined on its own merits taking into account the particular circumstances in which the statement was released by the accused. In this case accused failed to show, at this stage of the proceedings, the manner in which his statement released during interrogation is going to seriously prejudice his right to a fair hearing. The fact that the statement was given in the absence of a lawyer does not in itself, in the light of the circumstances relevant to this case, render this evidence inadmissible at law."*

22. Illi minkejja dak li ngħad fis-sentenza appena kkwotata, fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti u li dwaru qed tingħata din is-sentenza jirriżulta li l-istqarrijijiet ġew rilaxxati ferm qabel Frar 2010 tant li l-akkużat allura imputat ġie mressaq taħt arrest sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu f'Ottubru 2009. Għandu jingħad li qabel Frar 2010 kien iz-zmien meta kien hemm projbizzjoni assoluta għal persuna suspettata li tikseb parir legali jew li tkun assistita minn avukat. Apparti minn dan, din il-Qorti tinnota li fl-ewwel stqarrija tiegħu

[7] Din is-sentenza għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs. L-Avukat Ġenerali et** (Numru 16/2018/1).

(Dok. "AP 4" – *a fol.* 38 *et seq.*), l-akkuzat ma wieġeb għall-ebda mistoqsija li saritu waqt li fit-tieni stqarrija (Dok. "AP 5" - *a fol.* 41 *et seq.*) huwa wieġeb biss b'mod ġeneriku li ġieli rikeb fil-vettura ta' Ryan Briffa iżda qatt ma ra demm fiha.

23. Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li t-tieni eċċezzjoni mressqa mill-akkużat għandha tiġi milqugħa.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tielet Eċċezzjoni</u>**

24. Illi fit-tielet eċċezzjoni tiegħu, l-akkużat jargumenta li fir-rigward tar-Raba' (4), il-Ħames (5) u s-Sitt (6) Kap ta' Akkuża din il-Qorti għandha tiddikjara li akkużi dupliċi maħruġa b'dan il-mod huma ta' preġudizzju għalih minħabba li jmorru kontra *The Rule Against Duplicity*. In vista ta' dan jisħaq li dawn il-Kapi ta' Akkuża ma għandhomx jitħallew jitressqu b'mod duplikat quddiem il-ġurati.

25. Illi dwar l-eċċezzjoni in eżami din il-Qorti tinnota li l-Kapi ta' Akkuża li l-akkużat jagħmel riferenza għalihom fit-tielet eċċezzjoni tiegħu huma s-segwenti:

- Fir-Raba' (4) Kap ta' Akkuża l-akkużat huwa akkużat bi ksur ta' xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti f'digriet mogħti fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs. Jonathan Felice** meta huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest minn dak iż-żmien il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera;

- Fil-Ħames (5) Kap ta' Akkuża l-akkużat huwa akkużat bi ksur ta' xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti f'digriet mogħti fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Michael Mallia u Spettur Joseph Mercieca) vs. Jonathan Felice** meta huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest minn dak iż-żmien il-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli;

- Fis-Sitt (6) Kap ta' Akkuża l-akkużat huwa akkużat bi ksur ta' xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti f'digriet mogħti fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Zammit u Spettur Joseph Mercieca) vs. Jonathan Felice** meta huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest minn dak iż-żmien il-Maġistrat Dr. Antonio Micallef Trigona.

26. Illi fl-eċċezzjoni in eżami l-akkużat jilmenta li l-Kapi tal-Akkuża msemmija hawn fuq huma ripetizzjoni ta' xulxin. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li *The Rule Against Duplicity* tiġi mfissra fil-ktieb Blackstone's Criminal Practice 2012 bħala:

> *"D11.41 The ordinary rule is that each count in an indictment must allege only one offence. If a count alleges more than one offence, it is said to be bad for duplicity, and should be quashed before arraignment."*

27. Illi stabbilit dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Laurence Gatt et** (Numru 7/2002) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Issa, jekk wieħed jara d-diversi dispożizzjonijiet tat-Titolu V tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali – l-Artikoli 588 *et seq.* – wieħed għandu malajr isib ir-risposta għall-appell odjern. Meta l-Kodiċi jitkellem dwar x'għandu jkun fih l-Att ta' Akkuża – Artikolu 589 – hu evidenti li hawn il-leġislatur qed jikkontempla Att ta' Akkuża li jkun fih akkuża ta' reat wieħed biss. In fatti l-paragrafu (ċ) tal-imsemmi Artikolu 589 jitkellem dwar "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat", u l-paragrafu (d) juża l-kliem "…l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi"[8]. Hija prassi inveterata fil-Qorti Kriminali li jekk fl-Att ta' Akkuża l-Avukat Ġenerali jrid jakkuża lil persuna b'aktar minn reat wieħed, huwa jaqsam l-Att ta' Akkuża

[8] "Ara wkoll id-diċitura tal-*proviso* tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali."

f'daqstant kapi daqs kemm ikun hemm reati li bihom ikun qed jakkuża, u dan irrispettivament minn jekk l-akkużi jkunux konnessi o meno ma' xulxin fis-sens tal-Artikolu 592. Wieħed jista' jgħid, u din il-Qorti qiegħda f'dan is-sens tafferma, li kemm il-prassi kif ukoll il-ġurisprudenza stabbilew li dik il-parti tal-Artikolu 593(1) tal-Kodiċi Kriminali li tgħid li

**...l-att ta' l-akkuża għandu jinqasam f'diversi kapi, u f'kull wieħed minnhom għandha titħares id-dispożizzjoni ta' l-artikolu 589**

tapplika mhux biss meta r-reati ma jkunux konnessi iżda anke meta jkunu hekk konnessi. Kieku ma kienx hekk, u kieku l-Avukat Ġenerali jista' jakkuża lil persuna b'aktar minn reat wieħed mingħajr ma jaqsam l-Att ta' Akkuża f'diversi kapi, mhux biss jista' l-akkużat jiġi preġudikat fid-difiża tiegħu, iżda jkun kważi impossibbli li wieħed japplika sew l-Artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar kif il-ġurati għandhom jagħtu l-verdett tagħhom. Għalhekk ukoll, kap fl-Att ta' Akkuża jista' jikkontjeni biss akkuża ta' reat wieħed; jekk jikkontjeni akkuża ta' aktar minn reat wieħed, dan ikun null – ara s-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Mejju, 1998 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Victor Galea u Joseph Galea***. Tajjeb li wieħed iżid jgħid li anke fl-Ingilterra din hi wkoll ir-regola: *"If a count alleges more than one offence, it is said to be bad for duplicity, and should be quashed before arraignment"* (**Blackstone's Criminal Practice** – 2001, para. D9.16, p. 1272). Minn dan kollu jitnissel li kull kap hu indipendenti minn kull kap ieħor, tant li jista' jkollok addirittura kapi li jikkontradiċu lil xulxin. [...]."

28. Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2013 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Gatt** (Numru 28/2011) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

"13. [...] L-appellant jidher li jipprova jinterpreta "l-istess fatt" bħala "l-istess generu ta' reat kommess fl-istess perijodu ta' żmien". Mill-ġurisprudenza tagħna, pero', jirriżulta li l-Qrati sabu "l-istess fatt" meta l-azzjonijiet kollha kellhom tassew x'jaqsmu ma' l-istess fatt. Hekk, fil-każ **Rex v. Rosaria Portelli** (23 ta' Frar 1904, Vol. XIX.iv.1) l-imputata kienet waddbet *dish* tal-fuħħar lejn Riccarda Borg. Id-*dish* tal-fuħħar laqat lil Riccarda Borg f'wiċċha li rriżulta f'offiża ħafifa. Iżda framment laqat għajn John Borg li kien għaddej għall-affari tiegħu. Dan spiċċa jsofri offiża ta' natura gravi.

14. Il-Professur Mamo fin-Noti dwar il-Proċedura Kriminali jgħid hekk:

**"But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be placed on the very same fact. (Criminal Appeal: 'Il-Pulizija vs. Piscopo' 21 ta' Marzu 1953). The mere circumstance that an act is done more or less at the same time (*nello stesso contesto*) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events (v. Cr. App. 'Pol. vs. Saliba 28/2/1953 and Pol. vs, Cassar 9/1/1954; cf also Cr. App Police vs. Attard' 17/6/1950).'**[9]

[….]

16. Kwantu għan-numru ta' *sample verdicts*, jekk in-numru huwa f'kull każ l-istess, l-appellant ma hu se jsofri l-ebda preġudizzju.

17. Għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tas-subinċiżi kollha ta' l-Artikolu 17, m'hemmx dubju illi dawn iridu jiġu applikati mill-Imħallef togat a bażi tar-riżultanzi.

[9] "Professur Anthony Mamo: **Notes on Criminal Procedure**, paġna 45."

> 18. Kwantu għall-Artikolu 18, dan la hu kontemplat fil-Kapi individwalment u lanqas bejn it-Tieni u t-Tielet Kap stante li jidher li si tratta ta' infrazzjonijiet distinti. Fi kwalunkwe każ fejn il-Prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat diversi infrazzjonijiet bħala reat kontinwat, l-uniku rimedju hu li jekk il-Qorti tara li d-diversi infrazzjonijiet kellhom jiġu ttrattati bħala reat kontinwat, il-Qorti għandha timmodera u tadegwa l-piena għaċ-ċirkostanzi."

29. Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota li fil-każ odjern ma jirriżultax li hemm każ ta' *duplicity* minħabba li jkun hemm tali każ jekk aktar minn reat wieħed jiġi nkluż f'Kap ta' Akkuża. F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali għamel proprju l-kontra. Minbarra dan, din il-Qorti tirrimarka li minkejja li l-akkużat qed jiġi akkużat li kiser il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, kull Kap ta' Akkuża in kwistjoni jirreferi għal kondizzjonijiet mogħtija permezz ta' digriet differenti u għalhekk di natura tali reat huwa differenti għax il-kondizzjonijiet jafu jkunu differenti. Tajjeb jiġi mfakkar li mhux ir-rwol ta' din il-Qorti li f'dan l-istadju tidħol fil-mertu tal-każ għalhekk ma huwiex lok li tidħol fil-kondizzjonijiet imposti. B'hekk isegwi li t-tielet eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

**Decide**

30. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-akkużat, tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tiegħu.

31. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |